



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 75/24

il-Lussemburgu, 30 ta' April 2024

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-470/21 | La Quadrature du Net et (Data personali u ġlieda kontra l-kontrafazzjoni)

Ġlieda kontra r-reati kriminali u ndħil fid-drittijiet fundamentali: awtorità pubblika nazzjonali inkarigata mill-ġlieda kontra l-kontrafazzjonijiet imwettqa online tista' tingħata aċċess għal data ta' identifikazzjoni fuq il-bażi ta' indirizz IP

Il-Qorti tal-Ġustizzja tispjega r-rekwiżiti tal-modalitajiet ta' żamma ta' din id-data u ta' aċċess għaliha

L-Istati Membri jistgħu jimponu fuq il-fornituri ta' aċċess għall-internet obbligu ta' żamma ġeneralizzata u mingħajr distinzjoni tal-indirizzi IP fil-ġlieda kontra r-reati kriminali, b'mod ġenerali, sa fejn tali żamma tippermetti li jinsiltu konklużjonijiet preċiżi dwar il-ħajja privata tal-persuna kkonċernata. Dan jista' jitwettaq permezz ta' modalitajiet ta' żamma li jiżguraw separazzjoni effettivament stretta u sigura tal-indirizzi IP u tal-kategoriji oħra ta' data personali, b'mod partikolari, id-data ta' identità ċivili.

L-Istati Membri jistgħu wkoll, taħt ċerti kundizzjonijiet, jawtorizzaw l-aċċess mill-awtorità nazzjonali kompetenti għad-data ta' identità ċivili li tikkorrispondi għall-indirizzi IP, sakemm tkun ġiet żgurata tali żamma li tiggarantixxi separazzjoni stretta u sigura tad-diversi kategoriji ta' data.

Fil-każ li, f'sitwazzjonijiet atipiċi, l-ispeċifikitajiet ta' proċedura nazzjonali li tirregola tali aċċess jkunu jistgħu, permezz tal-konnessjoni tad-data u tal-informazzjoni miġbura, jippermettu t-tnissil ta' konklużjonijiet preċiżi dwar il-ħajja privata tal-persuna kkonċernata, l-aċċess għandu jkun suġġett għal sħarriġ minn qabel minn qorti jew minn entità amministrattivi indipendenti.

Għall-finijiet ta' protezzjoni tax-xogħlijiet koperti minn drittijiet tal-awtur jew minn drittijiet relatati kontra r-reati mwettqa fuq l-internet, digriet Franċiż stabbilixxa żewġ sistemi ta' pproċessar ta' data personali. L-ewwel waħda tikkonsisti fil-ġbir, minn organi li jirrappreżentaw l-awturi, ta' indirizzi IP li jidhru li jkunu ntużaw fuq siti internet peer-to-peer għat-tweġġ ta' tali reati, kif ukoll fit-tqegħid tagħhom għad-dispożizzjoni tal-Haute autorité pour la diffusion des œuvres et la protection des droits sur internet (l-Awtorità Għolja għad-Distribuzzjoni tax-Xogħlijiet u għall-Protezzjoni tad-Drittijiet fuq l-Internet) (Hadopi)¹. It-tieni sistema tinkludi, b'mod partikolari, il-konnessjoni tal-indirizz IP mad-data ta' identità ċivili tad-detentur tiegħu mill-fornituri ta' aċċess għall-internet fuq talba tal-Hadopi. Dawn is-sistemi ta' pproċessar ta' data jippermettu lil din l-awtorità tibda, fil-konfront tal-persuni identifikati, proċedura li tikkombina miżuri pedagoġiċi jew repressivi, li jistgħu jagħtu lok għal riferiment lill-prosekutur pubbliku fil-każijiet l-iktar serji.

Il-Conseil d'État français (il-Kunsill tal-Istat, Franza) ġie adit minn erba' assoċjazzjonijiet ta' protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet fuq l-internet b'rikors intiż għall-annullament tad-digriet inkwistjoni. Din il-qorti tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk is-sistemi ta' pproċessar tad-data msemmija iktar 'il fuq humiex kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja, f'seduta plenarja, tiddeċiedi li ż-żamma ġġeneralizzata u mingħajr distinzjoni tal-indirizzi IP **ma tikkostitwixxix neċessarjament indħil serju** fid-drittijiet fundamentali. Tali żamma hija awtorizzata meta l-leġiżlazzjoni nazzjonali **tkun timponi modalitajiet ta' żamma li jggarantixxu separazzjoni effettivament stretta u sigura** tad-diversi kategoriji ta' data personali, b'tali mod li jiġi eskluż li jkunu jistgħu jinsiltu konklużjonijiet preċiżi dwar il-ħajja privata tal-persuna kkonċernata.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tispjega wkoll li d-dritt tal-Unjoni **ma jipprekludix** leġiżlazzjoni nazzjonali **li tawtorizza l-aċċess** tal-awtorità pubblika kompetenti, bl-uniku għan li tidentifika l-persuna ssuspettata li wettqet reat kriminali, **għad-data ta' identità ċivili li tikkorrispondi għal indirizz IP**, miżmuma b'mod separat u effettivament strett u sigur mill-fornituri ta' aċċess għall-internet. L-Istati Membri għandhom madankollu **jggarantixxu** li dan l-aċċess **ma jkunx jippermetti li jinsiltu konklużjonijiet preċiżi dwar il-ħajja privata** tad-detenturi tal-indirizzi IP ikkonċernati. Dan jimplika li l-membri tal-persunal li jkollhom dan l-aċċess għandhom ikunu pprojbiti milli jiżvelaw informazzjoni dwar il-kontenut tal-fajls ikkonsultati, milli jwettqu traċċament tal-proċess ta' navigazzjoni ta' dawn l-indirizzi IP u milli jużaw dawn l-indirizzi għal finijiet oħra minbarra l-identifikazzjoni tad-detenturi tagħhom għall-adozzjoni ta' eventwali miżuri.

Meta l-aċċess għal data dwar l-identità ċivili tal-utenti tal-mezzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jkollu l-uniku għan tiegħu l-identifikazzjoni tal-utent ikkonċernat, **stħarriġ minn qabel** ta' dan l-aċċess minn qorti jew minn entità amministrattiva indipendenti **ma huwiex meħtieġ** sa fejn dan l-aċċess jagħti lok għal indħil fid-drittijiet fundamentali li ma jkunx jista' jiġi kklassifikat bħala serju. Dan **l-istħarriġ għandu madankollu jkun previst** meta l-ispeċifikitajiet ta' proċedura nazzjonali li tirregola tali aċċess ikunu **jistgħu**, permezz tal-konnessjoni tad-data u tal-informazzjoni miġbura tul id-diversi stadji ta' din il-proċedura, jippermettu li jinsiltu konklużjonijiet preċiżi dwar il-ħajja privata tal-persuna kkonċernata u, għaldaqstant, jagħtu lok għal indħil serju fid-drittijiet fundamentali. F'tali każ, dan l-istħarriġ minn qorti jew minn entità amministrattiva indipendenti għandu jseħħ qabel ma ssir din il-konnessjoni, filwaqt li għandha tiġi ppreżervata l-effikaċja tal-imsemmija proċedura, b'mod partikolari, billi tippermetti l-identifikazzjoni tal-każijiet possibbli ta' twettiq mill-ġdid tal-aġir li jikkostitwixxi ksur inkwistjoni.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#), jekk ikun il-każ, [is-sunt](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-ġoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ FI-1 ta' Jannar 2022, il-Hadopi u l-Conseil supérieur de l'audiovisuel (CSA) (il-Kunsill Superjuri għall-Awdjoviżiv) (KSA) ingħaqdu u saru l'Autorité de régulation de la communication audiovisuelle et numérique (l-Awtorità Regolatorja għall-Komunikazzjoni Awdjoviżiva u Diġitali) (Arcom). Sa minn din id-data, il-proċedura ta' risposta gradwata, li baqgħet essenzjalment l-istess, hija implimentata minn żewġ membri tal-kulleġġ tal-Arcom li wieħed minnhom jinħatar mill-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza) u l-ieħor mill-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Franza).